**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 64/07**
It-Tleta 21 ta' Frar 2017 fil-5.00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* |

---

**AĠENDA**

64.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
64.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
64.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
64.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
64.5 Rapporti;
64.6 Toroq;
64.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
64.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
64.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;
64.10 Mozzjonijiet;
64.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.
.

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 64.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia

i. Ma kienx hemm ittri ta' Apoloġija. — Ittri ta' Apoloġija

## 64.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti — Iffrmar tal-Minuti

i. Il-Minuti tal-Laqgħat nru. 62/2017 tas-27 ta' Jannar 2017, Nru. 63/2017 tat-3 ta' Frar 2017, kif ukoll Nru. 64/2017 tal-20 ta' Frar 2017 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

## 64.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

i Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD konna rċevejna ittra mingħand l-avukat ta' dan il-Kuntrattur fejn fiha saħansitra heddet b'mandat fil-konfront tal-Kunsill. — Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

i.i Is-Sindku qal li veru li qabel kien issuġġerixxa li neħilsu u nħallsu ammont kollu f'daqqa imma issa il-mod li kif qed jimxi dan il-Kuntrattur magħna dan ma jistax isir u għaldaqstant issuġġerixxa li l-Kunsill jimxi mal-Iskeda fejn il-ħlas ikun imqassam fuq 8 snin. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan.

ii. Rigward il-każ ta' vandaliżmu li kien sar fuq il-gazebo fi Ġnien Veliko Turnovo, is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol ta' tiswija fuq il-GAZEBO kien tlesta u għaldaqstant setgħat terġa tibda tintuża. — Vandaliżmu – Ġnien Veliko Turnovo

ii.i Is-Sindku spjega li kien qed jitlob stima għas-saqaf u dan għax kollu kien qed jinqala.

ii.ii Sadanittant kompla jispjega s-Sindku li l-ħatja tal-vandalimu kienu weħlu s-somma ta' €450 bejniethom u sena probation kull wieħed. Żied jgħid is-Sindku li s'issa ħadd mill-ħatja ma kien ġie bil-flus.

iii. Rigward it-turf tal-ground 5 aside is-Sindku reġa fakkar lill-Kunsill li nhar il-31 TA' JANNAR kellu jinstema' l-appell u għaldaqstant konna qed nistennew mingħand l-avukat. — Turf tal-ground 5 aside

iv. Rigward il-każ ta' Triq Betta, is-Sindku nforma lill-Kunsill li ż-żewġ *bollards* kienu twaħħlu u dan sabiex it-triq tingħalaq min-naħa ta' fejn l-għassa hekk kif kien deċiż fil-laqgħat preċedenti. — Traffic Management

v. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward ta' Triq B'bugia issa li x-xogħol ta' resurfacing tat-triq tlesta u hekk kif kien deċiż fil-laqgħat preċedenti, Il-Kunsill ser jieħu ħsieb jagħmel is-sinjali tat-traffiku ta' din it-triq. Infatti żied jgħid is-Sindku, kellu laqgħa fuq il-post mal-persuna nkarigata fil-KOPTASIN fejn spjegalu x-xogħol li hemm bżonn isir inkluż sabiex fil-parti fejn hemm il-ħanut tal-confectionery, quddiem il-bieb tal-store ta' dan il-Confectionery il-*bay* issir un/loading filwaqt li quddiem il-bieb tal-ħanut biex issir bajda. — Triq B'Bugia

vi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward ta' DNO fuq l-*embellishment* ta' l-area fi Triq Kurunell Mass, kien reġgħa pprova jkellem lill-Perit u wara ħafna telefonati u kważi kważi li konna wasalna biex inwaqqawlu l-kuntratt, fl-aħħar bgħatilna pjanta li din il-pjanta rrimarka s-Sindku tidher li kienet ilha lesta u saħansitra minn żmien l-Ex Sindku Joseph Abela. Infatti żied jgħid is-Sindku li fil-parti li estendejna l-Perit daħħal gazebo li aħna qatt ma kellna f'moħħna. F'dik il-parti ser titpoġġa struttura tal-logħob għat-tfal. Il-Kunsill qabel li nerġgħu ninfurmaw lill-Perit b'dan. — Ġnien Kurunell Mass

vii. Saret diskussjoni dwar li l-inċident fuq il-monument tal-vittmi tal-gwerra li qatt ma kien ġie ikklejmjat fi żmien l-Ex Sindku Joseph Abela, u ġie maqbul li bħala att amministrattiv f'dan il-każ l-avukat għandu jiggwidana x'passi iktar nistgħu nieħdu filwaqt li s-Sindku ssuġġerixxa li nneħħu l-biċċa l-oħra tal-ħadid u nagħmlu barrier quddiem il-monument. Il-Kunsill qabel ma' dawn il-proposti. — Inċident monument – Avukat UNTOURS

viii. Dwar il-meter ta' Ġnien Ovindoli s-Sindku qal li sad-data u ħin tal-laqgħa ma kienet waslet ebda risposta mill-PA. — Meter Ġnien Ovindoli

ix. Rigward il-*bins* mitluba mill-Iskola St Thomas Moore fl-inħawi barra l-entratura tal-Iskola kif ukoll *bins* tar-riċiklaġġ ġewwa l-Iskola li kienu ġew approvati u li kienu ser ikunu sponsorjati mill-istess Green MT, il-Kunsillier Ismael Dalli kkonferma li kienu għadhom ma sarux. — Laqgħa GREEN MT – Bins

x. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li lejlet din il-laqgħa ġie nnotat li parti mill-konkos li sar ġdid fi Triq B'Bugia diġa kien qed jisfronda. Żied jgħid ukoll li ttieħdu xi ritratti u ntbgħatu lit-TM sabiex jieħdu l-passi li jidhirilhom xierqa. — Triq B'Bugia

xi. CIRKOLARI DLG 9/2016 – Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2016 . Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li d-Dipartiment kien bgħat biss *acknowledgement* li waslitlu l-applikazzjoni tal-Kunsill. Fakkret ukoll li l-Kunsill kien għamel it-talba għas-salib ta' Triq Tempji Neolitiċi k/m Triq Sta Marija. — CIRKOLARI 9/2016 – Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2016

xii. Il-Viċi Sindku flimkien mal-kunsillieri kkonfermaw li waqt il-laqgħa mal-Kumitat tal-Festa li kienet saret nhar is-16 ta' Jannar 2017 fi 7:00pm kienu ġew iċċarati ħafna punti. — Laqgħa Kumitat tal-Festa

xiii. Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill qabel li jibqgħu mad-deċiżjoni li jistennew direzzjoni mingħand l-Assoċ. Kunsilli Lokali. — ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Seg. Eżek.

xiv. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li konna għad ma rċevejna xejn mingħand il-WEEE dwar l-iskip għal rimi ta' oġġetti żgħar li jaħdmu bl-elettriku. — WEEE – Skip rimi Skart Elettroniku

xv. Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier Lawrence Bonavia jekk kellux x'jirraporta dwar is-suġġeriment tiegħu fl-aħħar laqgħa sabiex jitkellem mas-sidien tal-ħwienet u jistaqsihom jekk jaċċettawx li jitpoġġew bins fejn il-pubbliku jkun jista' jiddisponi minn bozzoz ħżiena. Il-Kunsillier Bonavia qal li kien għad ma kellu xejn x'jirraporta. — Kunsillier Bonavia – suġġeriment bins għall-bozzoz

xvi. Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier Lawrence Bonavia jekk kellux xi risposta mingħand sid il-garaxx fi Triq Dun Karm Sant minħabba l-marki li kienu saru? Il-Kunsillier Bonavia rraporta li kien kellimha u kienet weġbithu li kellha tara u fil-każ tkelmu lura hi. — Marki quddiem garaxxijiet fi Triq Dun Karm Sant

xvii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien mar fuq il-post mal-persuna inkarigata fil-KOPTASIN u kienet anke intbgħatet pjanta lilhom dwar is-sinjali tal-art fit-toroq B'bugia u Palma. — Sinjali tal-Art

xvii.i Żied jgħid li l-istess kien ser isir fil-każ ta' Triq LUQA ladarba t-TM jkunu lesti mix-xogħol. — Wicc mill-ġdid Triq Ħal Luqa u sinjali tal-art

xviii. Il-Kunsill kien infurmat li d-DLG approvat li mal-Kunsill ikun assenjat persuna b'dizabilita bħala part-timer. Il-persuna magħzula mhux ser tkun imħallsa mill-Kunsill Lokali. — DLG approvat li mal-Kunsill ikun assenjat persuna b'dizabilita bħala part-timer

xviii.i Is-Sindku nforma li f'dan ir-rigward għad irridu nagħmlu l-interviews.

xix. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fuq il-Gazzetta tal-Gvern kienet ħarġet li Sqaqien Brittaniku 2 u 3 kienu nbidlu għal Trejqa VINCENT BATTISTINO – RIĊERKATUR STORIKU, u l-ieħor Trejqa T-TABIB KARL CHIRCOP – MEMBRU PARLAMENTARI. — Ismijiet ta' Toroq

xx. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kienet ġedded il-polza ta' assikurazzjoni għall-perjodu li l-valur ma jaqbisx dak ta' *direct order*. — Polza ta' Assikurazzjoni

xxi. Is-Seg. Eżek. nfurmat lill-Kunsill li kienet waslet ittra mingħand il-Kumitat tal-Festa biex bejn 19 u 29 Mejju ma jinħarġux permessi għall-vetturi kbar. Saret diskussjoni dwar dan u l-Kunsillier Dalli qal li jħoss li hawn min jippretendi li nibdew induru mal-festa. Il-Kunsillier Agius qal li huwa minnu li nippruvaw nikkordinaw ma kulħadd imma imbagħad irridu nkunu prattiċi. Is-Sindku qal li l-Kunsill huwa l-Awtorita' u mhux bil-maqlub. Il-Kunsillier Bonavia qal li kellu d-dubbji kemm setgħat issir mas-servizz tal-linja. Il-Kunsillier Dalli qal li saħansitra s-sena l-oħra n-nies garrew għax il-karti tal-festa damu ġurnata quddiemhom aħseb u ara ma jidħlux vetturi. Is-Sindku ssuġġerixxa u l-Viċi Sindku ssekonda li din ir-rikjesta ma kenitx possibli. Kien hemm qbil unanimu. — Ittra Kumitat Festa 19-29 ma jinħarġux permessi

xxii. Is-Seg. Eżek infurmat lill-Kunsill li kienet waslet ittra oħra mingħand il-Kumitat tal-Festa sabiex il-Kunsill joħroġ in-*no objection* biex isiru l-marċi u sabiex waqt il-ġranet tal-marci, li jkunu bejn wieħed u ieħor ħamest ijiem qabel il-festa, ma jsirux permessi. Il-Kunsill qabel unanimament. Ittra Kumitat Festa *no objection* biex isiru l-marċi

xxiii. Il-Kunsilliera Vella rrapurtat li l-iscammel kien qed joħroġ *wrong way* minn Triq is-Sorijiet. Ser niktbu lill-LESA biex isir monitoraġġ. Wrong Way - Scammel

xxiv. Is-Sindku rrapporta li l-iskema IRRESTAWRA DAREK ma kenitx għadha taħt responsabbilta' tal-Kunsill. SKEMA IRRESTAWRA DAREK

xxv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar is-serq tal-bust fi Ġnien Mark Farrugia, huwa kien deher il-Qorti pero kienet għad ma ngħatatx sentenza peress li d-difiża kienet talbet xi xhieda oħra. Sadanittant s-Sindku qal li l-bust kien ġie rritornat lill-Kunsill u kien ser jitnaddaf u kien ser jipprova jkellem lill-ħaddied biex isir fuq 4 pinnijiet u iktar twal. **Bust – Mark Farrugia**

xxvi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għadna qed niffinalizzaw tal-ġemellaġġ. Ġemellaġġ

xxvii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sna. Antonella Galea kienet ġiet uffiċċjalment maħtura bħala A/Seg. Eżek. mar-Reġjun Xlokk. Żied jgħid li issa bħala Reġjun Xlokk qed jaħdem biex jerġa jibda jħallas l-10% miġbura miċ-ċitazzjonijiet lura lill-Kunsilli li l-Ex Seg. Eżek. kienet waqfet mill tħallas. Ħlas 10%b

xxviii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li permezz tal-Proġett Citimobilnet qed jipprova jġib *SUMP* u jkunu nklużi Ħal Tarxien, Paola, Fgura, M'skala, M'xlokk, Marsa, Żejtun, Citimobilnet

xxix. Il-Kunsilliera Doris Vella rrapurtat sabiex il-Kunsill jara jistax jirranġa l-bankina b'żewġ ranep quddiemhom.

## 64.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri

## 64.5 Rapporti

Ma kienx hemm rapporti x'jgħaddu f'din il-laqgħa.

## 64.6 TOROQ

Resurfacing

i. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna qegħdin fil-process li toħroġ it-tender għal resurfacing u manutenzjoni tat-toroq. Is-Sindku Paul Farrugia ppropona li biex nakkomodaw aktar nies, l-aħjar li nagħmlu sistema ta' *scarifying* imbagħad fejn ikun hemm bżonn li jinbidlu xi bankini jsiru wkoll. Is-Sindku żied jgħid li triq tisradika ruha minħabba t-*trenching* li jsir mill-wsc. Staqsa lill-Kunsill jekk jaqbilx li permessi ta' *trenching* isiru biss billi trinka tinqata' iktar wiesa u bis-sega, materjal tal-*backfill* ikun ġdid u re-instatement isir bil-*hot asphalt* biss. Il-Kunsillier Bonavia ssuġġerixxa li nibgħatu ittra fid-djar sabiex jekk ikunu ser jagħmlu xi xogħol fit triq jew bankina isir bil-lest qabel ma nibdew xogħol fuq it-triq.

i.i Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li minħabba li qed tkun problema li nagħmlu kuntatt mal-Perit l-aħjar li nibdew intuh il-lista' minn issa biex jilħaq jagħtina l-*costings*.

i.ii Is-Sindku ssuġerixxa li l-ewwel triq tkun Annetto Caruana ma' Santa Marija imma l-bankina m'hemmx għalfejn tinbidel kollha. Żied li l-aħjar nagħqdu zoni, jiġifieri wara li tkun tlestiet din it-triq imbagħad inkomplu l-biċċa ta' Triq Santa Marija mill-kappella ta' Santa Marija sal-bank, imbagħad il-biċċa ta' Dejma road sa triq il-Fieres u wara nidħlu triq il-Fieres u wara triq Sorijiet.

i.iii Il-Kunsillier Lawrence Bonavia semma li l-problema fi triq Paola hija ma naħa waħda. Allura kif kien issuġġerit darba kien qed jerġa jissuġġerixxi li l-parking jinqaleb man-naħa l-oħra.

Għax ħsara qed issir min-naħa tal-flow tat-traffic. Il-Kunsillier Bonavia ssuġġerixxa li forsi karozzi jgħaddu minn triq Xintill u jinżlu triq Sorijiet. Is-Sindku wieġeb li tibdel naħa tal-parking kienet kemmxejn impossibli għaliex tkun trid tibdel xi ħaġa kulturali u li tkun indrat.

i.iv Il-Kunsillier Ishmael Dalli ssuġġerixxa li l-ewwel niċċekkjaw garanziji tat-toroq Paola u Santa Marija mat-TM imbagħad wieħed jkun jista jiddiskuti l-ħsara minn terzi. Garanziji – Triq Paola u Triq Santa Marija

i.v Għaldaqstant il-Kunsill unanimament qabel li niktbu lit-TM sabiex naraw jekk it-Toroq Paola u Santa Marija għadhomx taħt garanzija.

**64.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Ġiet mressqa l-iSkeda ta' Pagamenti li tkopri l-ispejjeż li saru fi Frar 2017. Din l-iSkeda ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**64.8 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**64.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

i. *Rapport mill-Kunsillier Ismael Dalli*

i.i Il-Kunsillier Ishmael Dalli nforma lill-Kunsill li kien kiteb lill-operatur li jieħu ħsieb il-bins tat-tessuti fir-rigward li kellu jżied bin ieħor li kellha titpoġġa fi Triq il-Ħaġar u dan wieġbu li kien għadu qed jistennija. Bin biex jintremew it-tessuti

i.ii Is-Sindku żied jgħid li minn meta tpoġġiet bin oħra tat-tessuti fi Triq Santa Marija quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill, jidher li l-iskart mitfugħ barra fejn l-bin l-oħra fi Triq Palma k/m Triq Kalamija kien naqas.

**64.10 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**64.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 20:00hrs

ii. Laqgħa oħra ser tinżamm nhar il-Tlieta 28 ta' Marzu 2017 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| ______________________ | ______________________ |
| **Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ** | **Sna. Antonella Galea** |
| **Sindku** | **Seg. Eżek** |